Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,807, 16 ta' Marzu, 2022
Taqsima B

A.L. 107 tal-2022

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 549.42.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (10) tar-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi:" u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda jekk applikazzjoni għal trasferiment ġiet sottomessa lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi jew lill-predeċessur tagħha sat-30 ta' Settembru 2020, u tali applikazzjoni għadha ma ġietx ipproċessata, l-ebda azzjoni ma għandha tittieħed fir-rigward ta' dawk il-kampjuni elenkati fl-applikazzjoni pendenti, li ġew trasferiti mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi jew il-predeċessur tagħha sakemm jitwettqu l-verifiki li ġejjin:

(a) kull kampjun trasferit, hekk kif elenkat fl-applikazzjoni pendenti għal trasferiment sottomessa sat-30 ta' Settembru 2020, jikkorrispondi tassonomikament mal-kampjun iddikjarat lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jew lill-predeċessur tagħha qabel il-31 ta' Mejju 2003, mill-persuna li talbet it-trasferiment u dak il-kampjun ma kienx ġie mormi;

(b) fil-każ ta' trasferimenti tal-istess kampjun minn individwu għal ieħor, dak il-kampjun jiġi traċċat lura għad-detentur oriġinali jew għas-suċċessur tiegħu fit-titlu permezz ta' awtorizzazzjoni bil-miktub għal trasferiment u dak il-kampjun ma kienx ġie mormi;

(ċ) jekk kampjun ġie trasferit mid-detentur oriġinali, jew mis-suċċessur tiegħu fit-titlu permezz ta' trasferiment awtorizzat bil-miktub, lil żewġ (2) individwi jew aktar, l-ewwel talba biss għat-trasferiment ta' dak il-kampjun kif sottomessa lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi jew lill-predeċessur tagħha sat-30 ta' Settembru 2020, għandha titqies valida:

Iżda wkoll wara li jitwettqu l-verifiki msemmija f'dan is-subregolament, għandha tinħareġ awtorizzazzjoni bil-miktub għat-trasferiment, wara li l-kampjuni kollha verifikati jkunu ġew identifikati tassonomikament u mmarkati b'apparat ta' identifikazzjoni mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi:

Iżda wkoll minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, azzjoni legali għandha xorta tittieħed kontra individwi li għandhom fil-pussess tagħhom kampjuni miksuba permezz ta' trasferiment, fejn ikun evidenti li tali kampjuni ġew miksuba bi ksur ta' dawn ir-regolamenti.".